MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 294/2012

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Awwissu 2012 li permezz tieghu l-Bank attrici talab lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u hamsa u sittin Ewro u tmienja u tmenin centesmi (€10,765.88) bilanc ghad-debitu fil-'*Loan u Credit Card Loan Accounts'* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok 'A1' sa 'A8' u Dok 'B') flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema loans gew moghtija lil Alfred Mallia permzz ta' zewg skritturi privati wahda minnhom datata 21

ta’ Settembru 2008 (Dok ‘C’) u l-ohra datata 14 ta’ Mejju 2009 (Dok ‘D’).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok ‘C’ u ‘D’) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Alfred Mallia (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 15 ta’ Novembru 2011 (Dok ‘E’) u huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat illi il-konvenut kien debitament notifikat skond riferti pozittivi tal-Marixxall Charles Cassar datati 24 ta’ Dicembru 2012 u 31 ta’ Dicembru 2012 fejn thallhiet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali tal-Birgu, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Birgu kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur mill-Bank attrici.

Illi l-konvenut gie notifikat b’din il-kawza ukoll permezz ta’ avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datat 7 ta’ Jannar 2013 (fol. 38) u fil-gazetta lokali The Malta Independent datat 11 ta’ Jannar  2013 (fol. 42).

Illi fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2013 il-Bank attrici pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant. il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-bank attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-bank attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' ghaxart ghaxart elef, seba' mija u hamsa u sittin Ewro u tmienja u tmenin centesmi (€10,765.88) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kollha kif mitluba fir-rikors promotur mill-Bank attrici kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------